Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2949 2.12.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2949

## tad-29 ta’ Novembru 2024

## li ġġedded il-mandati ta’ tliet membri eżistenti u taħtar ħames membri ġodda tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2008 li tistabbilixxi l-Kumitat Ewropew ta’ Konsultazzjoni dwar il-Politika Komunitarja ta’ Tagħrif Statistiku u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/116/KEE ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 4(1)(a) u l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika (“il-Kumitat”) għandu jkun magħmul minn 24 membru.

(2) Skont l-Artikolu 4(1)(a) tad-Deċiżjoni Nru 234/2008/KE, 12-il membru tal-Kumitat għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill.

(3) Permezz tad-Deċiżjoni 2019/C 63/05 ([2]) tal-14 ta’ Frar 2019, il-Kummissjoni ħatret tmien membri tal-Kumitat għal terminu ta’ ħames snin.

(4) Wieħed minn dawn it-tmien membri rriżenja u ġie ssostitwit għall-bqija tat-terminu tal-kariga tiegħu skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/722 ([3]).

(5) Il-mandati tat-tmien membri spiċċaw fit-8 ta’ Mejju 2024. Tlieta mill-membri qablu mat-tiġdid tal-mandati tagħhom.

(6) L-Istati Membri ntalbu u taw lista ta’ kandidati lill-Kummissjoni, bi kwalifiki stabbiliti sew fil-qasam tal-istatistika, għall-fini tal-ħatra tal-membri l-ġodda tal-Kumitat.

(7) Għall-ħatra ta’ dawn il-ħames membri ġodda, il-Kummissjoni ħadmet biex tiżgura li jkunu jirrappreżentaw, b’mod ugwali, lill-utenti, lir-rispondenti u lill-partijiet ikkonċernati l-oħra fl-istatistika tal-Unjoni (fosthom il-komunità xjentifika, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili).

(8) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tiġdid tal-mandat u l-ħatriet il-ġodda, u dawk l-istituzzjonijiet taw opinjoni pożittiva,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandati tas-Sa Marie Bohata, tas-Sa Audronė Jakaitiene u tas-Sur Peter van der Heijden bħala membri tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika huma mġedda għal terminu ta’ ħames snin, li jibda fl-1 ta’ Diċembru 2024 u jintemm fit-30 ta’ Novembru 2029.

([1]) ĠU L 73, 15.3.2008, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/234(1)/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2019/C 63/05 tal-14 ta’ Frar 2019 li taħtar tmien membri tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika (ĠU C 63, 18.2.2019, p. 4).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/722 tat-3 ta’ Mejju 2021 li ġġedded il-mandati ta’ tliet membri eżistenti tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika u taħtar żewġ membri ġodda (ĠU L 154, 4.5.2021 p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/722/oj).

*Artikolu 2*

Is-Sur Arne C. Bathke, is-Sur Kai Carstensen, is-Sur Jani Erola, is-Sur Jānis Hermanis, u s-Sur Pedro Magalhães huma b'dan maħtura membri tal-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika, li jibda fl-1 ta' Diċembru 2024 u jintemm fit-30 ta' Novembru 2029.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN